**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 2 ta' Frar, 2017

Rikors Guramentat numru : 52/2013 AL

**A B**
**ID 32584M**

**vs**

**C D**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-l-partijiet kellhom relazzjoni li minnha twieled K nhar is-26 t'April 2002 skond l-anness certifikat ta' twelid imMat DOK SF1;

Illi l-partijiet ma ghadhomx flimkien ghal diversi snin tant li l-esponent jghix ma ommu u l-intimata tghix mal-partner taghha M R u missieru Vince R, anzjan ta' 60 sena;

Illi l-intimat jghix il-Fgura filwaqt li l-intimata tghix Haz-Zabbar;

Illi l-partijiet kienu irregolaw ir-relazzjoni taghhom dwar il-minuri permezz ta' kuntratt hawn anness u Met DOK SF 2, in atti Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech tad-29 ta' Dicembru 2008;

Illi c-cirkostanzi tal-hajja tal-partijiet u tal-minuri inbiddlu u l-kundizzjoni li hemm f'dan il-kuntratt m'ghadhomx l-ahjar biex jissalvagwardjaw l-interess tal-minuri;

Illi l-esponenti ihoss li ikun ahjar fl-interess tal-minuri li l-kurua u kustodja tieghu tkun fdata esklussivament lilu u dan ghar-ragunijiet li ser ikunu ipprezentati u trattati fil-kawza;

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri K f'idejn il-missier esponenti;
2. Tordna lill-intimata tivversa manteniment gust u ekwu ghat-trobbija tal-minuri u kif ukoll tivversa nofs l-ispejjez edukattivi u ta' sahha u ta' attivitajiet extra kurrikulari tal-minuri;
3. Tordna lill-intimata thallas lill-esponenti dik is-somma li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiffissa bhala manteniment mensili lill-esponenti.
4. Tvarja u tbiddel d-dispozizzjonijiet kontenuti fil-kuntratt hawn anness u Met DOK SF 2, in atti Nutar Dr. Ritienne Bugeja Fenech tad-29 ta' Dicembru 2008 ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' kura u kustodja u manteniment tal-minuri K b'dak li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna fl-ahjar interess tal-minuri, okkorrendo bl-opera ta' social workers appuntati biex anki jisimghu lill-minuri.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta, li permezz taghha eccepiet;

Fl-ewwel lok l-eccezzjonijiet.

It-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u principalment, izda mhux esklussivament, ghal dawn ir-ragunijiet;

1. Illi l-prezentata ta' dan ir-rikors guramentat hija nulla peress illi tivvjola l-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003 peress li ma giex precedut bil-medjazzjoni illi hija mehtiega qabel xi parti tista' tipprocedi fuq kaz bhal dan;
2. Illi t-talbiet tal-attur m'humiex fl-ahjar interess tal-minuri;
3. Illi t-tibdil li ghandu jsir huwa illi mhux talli l-konvenuta ma thallasx manteniment lill-attur imma l-ammont jigi adegwat ghall-granet tal-lum barra illi jigu precizati kundizzjonijiet ohra peress illi l-istess minuri qed issofri minn dawn ic-cirkostanzi;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuta;

Rat ir-rapport redatt mill-Avukat tat-Tfal Dr. Stephanie Galea[1] wara n-nomina tagħha b'digriet tal-Qorti ddatat l-4 ta' Lulju 2013[2].

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Nadia Vella.

Rat l-affidavits u d-dokumenti esebiti u semgħet ix-xhieda.

Rat ir-rapport redatt mill-Ħaddiema Soċjali Therese Micallef[3] wara n-nomina tagħha b'digriet tal-Qorti ddatat it-2 ta' April 2014[4] u semgħet ukoll lill-istess ħaddiema soċjali.

Semgħet lill-minuri *in camera*.

Rat illi l-kawza tħalliet għas-sentenza għallum ;

---

[1] Fol. 28

[2] Fol. 27

[3] Fol. 99

[4] Fol. 97

Rat illi l-partijiet laħqu ftehim dwar il-mertu tal-kawża odjerna u ppreżentaw abbozz tal-istess ftehim.

Ikkunsidrat illi l-istess ftehim huwa ta' benefiċċju għall-minuri K B u jinkorpora l-aspetti kollha legali relattivi għall-kura, kustodja, aċċess u manteniment tiegħu u għaldaqstant il-Qorti qed tapprova l-istess abbozz.

Rat illi fl-udjenza tal-14 ta' Diċembru 2016[5], il-partijiet talbu li l-istess abbozz ikun inkorporat fis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi fuq ftehim bejn il-partijiet; tilqa` t-talbiet tal-attur u tordna illi :

1. Il-kura u l-kustodja tal-minuri K B qed tiġi fdata f'idejn l-attur, u l-istess minuri ħa jkun qed jirrisjedi mal-attur.

2. Il-partijiet għandhom flimkien u konġuntivament jieħdu d-deċiżjonijiet importanti dwar is-saħħa u l-edukazzjoni tal-minuri, salv dejjem is-setgħat tal-Qorti kompetenti f'każ ta' konflitt bejn l-istess partijiet. Madankollu kull wieħed mill-partijiet jista' jieħu dawk il-miżuri neċessarji fl-interess tal-minuri li jkunu urġenti u li ma jistgħux jiġu posposti, diment illi dik il-parti tkun ipprovat tikkomunika mal-parti l-oħra u, f'każ illi dan ma jkunx possibli, għandha tinforma lill-parti l-oħra b'dak illi jkun sar minnha mingħajr dewmien.

3. Ir-residenza u domiċilju tal-minuri sal-eta` ta' tmintax-il sena għandhom ikun Malta.

[5] Verbal fol. 194

4. Il-konvenuta għandu jkollha aċċess liberu favur il-minuri. Minkejja dan, il-konvenuta għandu jkollha aċċess minimu ta' kull nhar ta' Erbgħa u Ġimgħa bejn it-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar (3.30pm) u s-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm) u kull nhar ta' Sibt bejn id-disgħa ta' filgħodu (9.00am) u t-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm).

5. F'Jum il-Missier u f'għeluq snin l-attur, il-minuri għandu jibqa' mal-attur filwaqt li f'Jum l-Omm u f'għeluq snin il-konvenuta, il-minuri għandu jkun mal-konvenuta.

6. Salv għall-aċċess fil-festi indikati f'paragrafu sebgħa (7), il-partijiet jaqblu li huma għandhom jalternaw bejniethom il-festi pubbliċi. Il-partijiet għandhom jaqblu bejniethom dwar il-ħin tal-aċċess tal-konvenuta f'kull festa li l-minuri jkun fil-kustodja tal-attur. Fin-nuqqas ta' ftehim bejn il- partijiet dwar il-ħinijiet li għandu jiġi eżerċitat l-imsemmi aċċess tal-konvenuta, huma qegħdin jaqblu illi l-minuri għandu jqatta' mill-għaxra ta' fil-għodu (10.00am) sal-erbgħa ta' wara nofsinhar (4.00pm) mal-konvenuta.

7. Fil-ġranet tal-Milied u Jum l-Ewwel tas-Sena l-aċċess għandu jiġi eżerċitat skont is-segwenti:
   a. Fl-ewwel sena, l-aċċess tal-konvenuta għandu jkun f'Jum il-Milied mill-għaxra ta' fil-għodu (10.00am) sat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) u fl-Ewwel Jum tas-Sena mit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) sat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija (8.30pm);
   b. Fit-tieni sena, l-aċċess tal-konvenuta għandu jkun f'Jum il-Milied mit-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm) sat-tmienja u nofs ta' fil-għaxija (8.30pm) u fl-Ewwel Jum tas-Sena mill-għaxra ta' fil-għodu (10.00am) sat-tlieta ta' wara nofsinhar (3.00pm);

c. Dan l-aċċess għandu jibqa’ japplika b’mod alternat minn sena għal sena.

8. Il-minuri għandu jkun liberu sabiex jiddeċiedi waħdu jekk huwa għandux iqatta’ aktar ħin mal-konvenuta oltre l-aċċess. Ukoll, il-minuri għandu jkun liberu li jikkomunika permezz ta’ telefonati mal-konvenuta.

9. Il-konvenuta tobbliga ruħha li jekk xi impenji edukattivi jew attivitajiet soċjali li jinzertaw fil-ġranet u ħin tal-aċċess tagħha, hija għandha tieħu lill-minuri għal tali impenji jew attivitajiet, b’dana pero` li l-partijiet għandhom b’mod konġunt jieħdu d-deċiżjonijiet dwar x’attivitajiet soċjali u impenji edukattivi għandu jattendi għalihom l-istess wild.

10. Fl-eventwalita' ta’ nuqqas ta’ ftehim dwar il-jiem u ħinijiet ta’ aċċess, il-partijiet għandhom jirreferu l-każ lill-Qorti kompetenti u josservaw u jikkonformaw ruħhom ma’ kwalunkwe deċiżjoni li tiġi meħuda mill-Qorti.

11. Il-konvenuta għandha tħallas lill-attur manteniment għal binha fis-somma komplessiva ta’ mija u ħamsin Ewro (€150) fix-xahar, liema somma tikludi l-ispejjeż ta’ saħħa u edukazzjoni ikorsi favur bin il-partijiet. Dan il-manteniment jibqa’ jitħallas sakemm il-minuri jagħlaq l-eta` ta’ tmintax-(18)-il sena jew jibda jaħdem fuq bażi *full-time*, skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel. F’każ illi iben il-partijiet jibqa’ jistudja, fuq bażi *full-time*, wara li jilħaq l-eta` maġġorenni, il-manteniment għandu jibqa’ jitħallas sakemm it-tifel jagħlaq l-eta` ta’ tlieta u għoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji tiegħu skont liema eventwalita` tavvera ruħha l-ewwel.

12. L-attur għandu jirċievi ċ-*children’s allowance* flimkien ma’ kull benefiċċju soċjali ieħor, jekk ikun hemm, imħallas mill-Gvern ta’ Malta.

13. Il-minuri għandu jkollu passaport, liema passaport jinżamm mill-attur u jingħata lill-konvenuta xahar qabel is-safra, b’dan li l-konvenuta għandha tirritorna l-istess passaport lill-attur fi żmien erbat’(4) ijiem, minn meta tirritorna lura Malta bil-minuri. Sabiex jinħareġ passaport f’isem il-minuri, ikun jinħtieġ dejjem il-kunsens bil-miktub taż-żewġ partijiet. Tali kunsens bil-miktub ikun meħtieġ ukoll kull darba li l-konvenuta jew l-attur ikunu jridu joħorġu l-minuri barra mill-Gżejjer Maltin.

14. Il-parti li tkun ser tħalli l-Gżejjer Maltin mal-minuri, għandha tavża lill-Parti l-oħra ta’ l-inqas xahar qabel is-safra bil-miktub dwar tali intenzjoni, u bl-itinerarju sħiħ tas-safar, inkluż il-pjan bid-dati u l-ħinijiet tat-tluq u l-wasla, il-perjodu tas-safar, il-pajjiż li jkun qed iżur il-minuri, il-persuni illi jkunu sejrin isiefru mal-minuri u d-dettalji dwar kif u fejn tista’ tikkomunika miegħu. Waqt illi l-minuri jkun barra mill-Gżejjer Maltin, dik il-parti li tkun siefret mal-minuri għandha taċċerta ruħha li l-minuri jkellem lill-ġeitur l-ieħor tal-inqas darba kuljum bit-telefon. Kull safra m’għandhiex tkun ta’ aktar minn ġimgħa.

15. Jekk l-attur jew l-konvenuta jirrifjutaw mingħajr ġustifikazzjoni li jagħtu l-kunsens tagħhom sija għall-ħruġ tal-passaport jew għall-ħruġ tal-minuri mill-Gżejjer Maltin, jew għall-btala ġewwa Għawdex, allura għandha tkun il-Qorti kompetenti li tiddeċiedi dwat tali nuqqas ta’ qbil.

16. L-interess tal-minuri għadu jiġi dejjem l-ewwel u qabel kollox min-naħa taż-żewġ partijiet.

17. Bl-istil ta’ ħajjithom u bil-komportament tagħhom, il-partijiet għandhom dejjem iħarsu il-benessere morali u fiżiku tal-minuri, u li bl-ebda mod ma jesponu l-istess minuri għal xi aġir u/jew ċirkostanzi li jipperikolaw it-trobbija u l-iżvilupp tiegħu. Il-partijiet bl-ebda mod ma jfixklu l-edukazzjoi u l-istruzzjoni tal-istess minuri.

18. Il-partijiet jipparteċipaw b’mod attiv fil-ħajja soċjali tal-minuri, partikolarment li t-tnejn li huma biss ikunu preżenti għall-parents’ day, sports day, prize day, attivitajiet reliġjużi u kull attivita` relatata mal-edukazzjoni u formazzjoni tal-minuri.

19. Il-Partijiet għandhom id-dritt li separatament u mingħajr il-kunsens tal-parti l-oħra jottjenu informazzjoni adegwata dwar is-saħħa u edukazzjoni tal-minuri, u għandhom jiġu nfurmati ż-żewġ partijiet minnufih f’każ ta’ mard jew jekk il-minuri jkun rikoverat fl-isptar.

L-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.